# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 24 ta' Mejju, 2018**

**Kawża Nru. 23**

**Rik. Nru. 923/12JRM**

Joseph **GHEITI**, Sansone Cruises Ltd (C – 54306), Johan Micallef, IG Enterprises Ltd., Water Taxi Services Limited (C – 53460) u Ivan Żammit

vs

**L-AWTORITA` GĦAT-TRASPORT F'MALTA** u b'degriet tal-15 ta' Jannar, 2013 ġiet imsejħa fil-kawża Marsamxetto Steam Ferry Services Ltd (C – 12803)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' Settembru, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (i) ssib li l-egħmil amministrattiv tal-Awtorita` mħarrka meħud fit-3 ta' Settembru, 2012 bil-ħruġ

tal-*Port Notice* bin-numru 13/2012 li biha l-atturi ġew imwaqqfa milli jaċċedu għal-*landing places* u ma jgħabbux jew iħottu passiġġieri miż-żoni hemm indikati huwa egħmil li jmur lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat tagħha billi dak l-egħmil jikkostitwixxi abbuż mis-setgħat tagħha għaliex qiegħed isir għal għanijiet mhux xierqa u mhux imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) issib li l-egħmil amministrattiv tal-Awtorita` mħarrka meħud fit-3 ta' Settembru, 2012 bil-ħruġ tal-*Port Notice* bin-numru 13/2012 li biha l-atturi twaqqfu milli jaċċedu għal-*landing places* u ma jgħabbux jew iħottu passiġġieri miż-żoni hemm indikati huwa egħmil li jmur lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat tagħha billi dak l-egħmil imur kontra l-liġi bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) issib għalhekk li l-imsemmija *Port Notice* bin-numru 13/2012 ma tiswiex u m'għandha l-ebda effett, u (iv) tordna lill-Awtorita` mħarrka biex tħassar l-istess *Port Notice,* kif ukoll biex ma tkomplix tinfurzaha billi żżommhom milli jaċċedu għaż-żoni indikati minnha u milli jgħabbu u jniżżlu passiġġieri mill-istess żoni. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-21 ta' Diċembru, 2012, li biha l-Awtorita` mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, tgħid li l-atturi jridu jippruvaw l-interess tagħhom fil-kawża u li għall-integrita` tal-ġudizzju, għandha tissejjaħ fil-kawża Marsamxetto Steam Ferry Services Limited. Fil-mertu, tiċħad li l-*Port Notice* tmur lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat tagħha;

Rat in-nota tal-15 ta' Jannar, 2013[2], li biha l-atturi Joseph Gheiti u Sansone Cruises Ltd ċedew l-atti tal-kawża safejn jolqot lilhom;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2013[3], li bih laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` mħarrka u ordnat li tissejjaħ fil-kawża l-kumpannija Marsamxetto Steam Ferry Services Limited;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-25 ta' Frar, 2013, li biha l-kumpannija msejħa fil-kawża Marsamxetto Steam Ferry Services Limited laqgħet għat-talbiet attriċi billi, preliminarjament, tgħid li mhijiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi billi mhix l-Awtorita` li fil-konfront tagħha ġew imressqa x-xiljiet fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Tgħid

[1] Paġġ. 27 – 8 tal-proċess
[2] Paġ. 39 tal-proċess
[3] Paġ. 40 tal-proċess

ukoll li l-atturi jridu jippruvaw l-interess tagħhom fil-kawża. Fil-mertu, tgħid li m'għandha ebda relazzjoni mal-atturi u għaldaqstant ma tistax twieġeb għall-ebda talba mressqa minnhom. Tiċħad li l-Awtorita` mħarrka mxiet lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat tagħha, u tgħid li l-istess Awtorita` mxiet sewwa u skond il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2016[4], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet talba magħmula mill-kumpannija msejħa fil-kawża b'rikors tagħha tas-17 ta' Novembru, 2015[5], biex titħalla tressaq eċċezzjoni ulterjuri, dik tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur Johann Micallef;

Rat in-Nota ta' Eċċezzjonijiet ulterjuri tat-22 ta' Marzu, 2016[6], li biha l-kumpannija msejħa fil-kawża eċċepiet in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur Johann Micallef;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2016[7], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-31 ta' Mejju, 2016[8];

Rat in-Nota tal-25 ta' Awwissu, 2016[9], li biha l-kumpannija attriċi Water Taxi Services Limited ċediet l-atti tal-kawża safejn jolqot lilha;

Rat in-Nota tas-26 ta' Awwissu, 2016[10], li biha l-attur Ivan Żammit u l-kumpannija I.G. Enterprises Limited ċedew l-atti tal-kawża safejn jolqot lilhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija msejħa fil-kawża tad-9 ta' Settembru, 2016[11], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorita` mħarrka tat-12 ta' Settembru, 2016[12], bi tweġiba għal dik tal-attur;

---

[4] Paġ. 144A tal-proċess
[5] Paġ. 143 tal-proċess
[6] Paġ. 155 tal-proċess
[7] Paġ. 156 tal-proċess
[8] Paġġ. 157 sa 166 tal-proċess
[9] Paġ. 173 tal-proċess
[10] Paġ. 174 tal-proċess
[11] Paġġ. 178 sa186 tal-proċess
[12] Paġġ. 187 sa 206 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet (li tinsab reġistrata);

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jgħidu li l-Awtorita` mħarrka ċaħħdithom mill-jedd li jaċċedu bl-opri tal-baħar tagħhom għall-postijiet ta' żbark ('*landing places*') magħżula kif murija fuq pjanti maħruġa, u dan billi ħarġet Avviż Portwarju ('*Port Notice*') bin-numru 13/2012 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Avviż"), kif murija fuq pjanti mehmużin mal-istess Avviż, kif ukoll li ma jgħabbux jew iħottu passiġġieri miż-żoni hemm murija. Huma jridu li l-Qorti ssib li meta l-Awtorita` mħarrka ħarġet l-imsemmi Avviż, hija marret lil hinn mis-setgħat li tagħtiha l-liġi u mxiet bi ksur tal-liġi, u jridu wkoll li din il-Qorti ssib li l-Avviż ma jgħoddx u hu bla siwi u biex tordna lill-Awtorita` mħarrka tħassar l-Avviż u ma tibqax tinqeda bih;

Illi waqt is-smigħ tal-kawża, l-atturi kollha, għajr l-attur Johan Micallef, ċedew l-atti tal-kawża, safejn jolqot lilhom;

Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, laqgħu kemm b'eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari kif ukoll fil-mertu. Kemm l-Awtorita` mħarrka kif ukoll il-kumpannija msejħa fil-kawża jgħidu li l-attur irid jipprova l-interess tiegħu fil-kawża. Aktar tard, il-kumpannija msejħa fil-kawża ressqet eċċezzjoni ulterjuri fejn tgħid li l-attur m'għandux interess ġuridiku kif meħtieġ fil-kawża. Il-kumpannija mħarrka tgħid ukoll li x-xiljiet u t-talbiet mill-attur tressqu fil-konfront tagħha meta hi mhijiex il-leġittimu kontradittur tal-għemil li l-attur jattakka. Fil-mertu jiċħdu li l-Awtorita` mħarrka ġabet ruħha lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha mil-liġi, kif ukoll li l-Avviż ma jmurx lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat tagħha;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li l-attur ġie awtorizzat mill-Awtorita` mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "TM") biex jista' jsuq u jħaddem servizz ta' "*water taxi*" b'opra tal-baħar. Dan ingħatalu bil-ħruġ ta' liċenzja ('*Commercial Vessel Operator's Licence*') f'Lulju tas-sena

2012[13]. Id-dgħajsa li biha kien imexxi dan in-negozju tiegħu kienet issejjaħ lil wieħed Geranzio Azzopardi, missier il-mara tal-attur. Jidher li TM ħarġet ukoll *Commercial Vessel's Certificate* fuq l-i*speed boat* bin-numru ta' reġistrazzjoni S-11590[14] favur Azzopardi;

Illi xhur qabel, jiġifieri fis-16 ta' Diċembru, 2011, TM ħarġet sejħa pubblika li ġġib in-numru TM 100/2011 għal "*the provision of scheduled maritime ferry services for the Grand Harbour and the Port of Marsamxett*"[15]. Dan is-servizz kellu jikkumplimenta s-servizz marittimu mogħti minn mezzi ta' trasport oħrajn, fosthom dawk tal-'*water taxis*'[16]. Il-konkorrent li jintgħażel ("l-operatur") kien ser jingħata, fost oħrajn, użu esklussiv ta' tliet postijiet ta' nżul ('*landing places*') ġewwa tas-Sliema, Marsamxett u f'Dockyard Creek[17];

Illi l-attur ma tefax offerta, għalkemm jisħaq li sar jaf bis-sejħa pubblika biss wara li kien inħareġ l-Avviż[18]. Fl-imsemmija sejħa ntgħażlet il-kumpannija msejħa fil-kawża Marsamxetto Steam Ferry Services Limited li kienet ukoll l-unika konkorrent fl-imsemmija sejħa pubblika;

Illi fit-3 ta' Settembru, 2012[19], l-Awtorita` mħarrka għarrfet lill-*Commercial Vessels Operators* u lill-*Masters of Commercial Vessels* li ma kinetx ser tħalli ebda dgħajsa kummerċjali, magħduda '*water taxi*', li tagħmel użu mill-postijiet ta' nżul ('*landing places*') f'żoni minnha murija fuq tliet pjanti mehmużin mal-istess ittra. TM għarrfet dan bl-Avviż mertu tal-każ u żiedet tgħid li dak l-Avviż kellu jibda jseħħ mill-14 ta' Settembru;

Illi fil-11 ta' Settembru, 2012[20], l-atturi Gheiti, Micallef u Żammit ressqu Protest Ġudizzjarju kontra TM. Il-kawża nfetħet fit-13 ta' Settembru, 2012, qabel ma għaddew għaxart ijiem minn meta TM laqgħet in-notifika tal-imsemmi Protest;

Illi l-attur ma tax każ ta' din l-ordni[21], u fit-12 ta' Novembru, 2012[22], il-liċenzja kummerċjali maħruġa lilu ġiet sospiża għal erbgħin (40) jum. Bl-istess mod, ġie sospiż il-*Commercial Vessel's Certificate* tal-opra tal-baħar li biha hu kien iwettaq is-servizz ta' ġarr ta' passiġġieri fil-portijiet;

[13] Ara Dok. "JMX1" f'paġ. 58 tal-proċess u x-xhieda mogħtija mill-attur fil-kontro eżami f'paġ. 123 tal-proċess
[14] Ara Dok. "JDA" f'paġ. 59
[15] Ara Dokti. "Ċ" sa "D3" f'paġġ. 13 sa 23 tal-proċess
[16] *Ibid* paġ. 15 tal- proċess
[17] Dokti. "Ċ" u "D1" sa "D3" f'paġġ. 16 u 20 – 3 tal-proċess
[18] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġġ. 128 – 9 al-proċess
[19] Dok. "A" f'paġġ. 9 – 12 tal-proċess
[20] Dok "F" f'paġġ. 25 – 6 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Joe Sant Fournier f'paġ. 136 tal-proċess
[22] Dok. "JDA" f'paġ. 59 tal-proċess

Illi l-attur jgħid li kellu jieqaf mix-xogħol li tant kien għal qalbu, u beda jaħdem xogħol ieħor[23];

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huma ta' żewġ xorta. Hemm dawk magħmula meħtieġa minħabba l-eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, u hemm dawk marbutin mal-mertu tal-azzjoni attriċi. Il-Qorti tqis illi l-ewwel li għandha tistħarreġ hija **l-eċċezzjoni ulterjuri** mressqa mill-kumpannija msejħa fil-kawża li biha tgħid li jonqos fl-attur l-interess ġuridiku meħtieġ biex din il-kawża tirnexxi. Din l-eċċezzjoni, sa ċertu punt, tirrifletti wkoll l-ewwel eċċezzjoni (preliminari) mqajma minn TM fl-istess sens. Kemm-il darba din l-eċċezzjoni kellha tintlaqa', twassal biex l-azzjoni attriċi taqa', għaliex l-interess ta' parti f'kawża bħal din huwa element meħtieġ għas-siwi tagħha u l-Qorti ma jkollhiex raġuni biex tibqa' tistħarreġ is-siwi tat-talbiet attriċi jekk interess ma hemmx;

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq tgħid li l-kwestjoni ta' x'inhu interess ġuridiku meħtieġ fl-attur ilu jkun mistħarreġ mill-qrati tagħna, u dan għaliex il-liġi ilha żmien twil titlob dan ir-rekwiżit fl-att li bih tinbeda u titmexxa 'l quddiem kull kawża (tneħħi dawk il-kawżi fejn il-liġi nnifisha ma titlobx li l-parti jeħtiġilha turi interess bħal dak);

Illi kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin**, l-interess** meħtieġ fl-attur irid ikun wieħed dirett jew personali, leġittimu, kif ukoll attwali[24]. L-interess irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew lilu jkun mistħoqq[25];

Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[26];

Illi għar-rigward ta' l-aspett ta' attwalita` tal-interess tal-attur, azzjoni tista' sseħħ u titqies imsejsa b'interess kif imiss kemm-il darba tkun kapaċi li tipproduċilu riżultat vantaġġuż jew utili għal min jipproponiha u li dak ir-

[23] Dok. "JMX1" f'paġ. 58 tal-proċess
[24] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[25] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[26] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buhaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)

riżultat jista' jinqeda bih[27]. Barra minn dan, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos jew jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża[28];

Illi l-interess tal-parti attriċi f'kawża għandu jkun jidher mill-att promotur innifsu[29], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat mill-parti mħarrka jew dik imsejħa fil-kawża[30];

Illi fejn hemm iżjed minn attur wieħed, il-kwestjoni ta' jekk l-atturi kollha għandhomx ikollhom l-istess interess, hemm aċċenn għaliha fl-artikolu 161(3) tal-Kap. 12, minn fejn jidher ċar li mhux meħtieġ li l-interess ta' kull attur ikun l-istess, għaliex l-elementi msemmija aktar 'il fuq biex isejsu l-interess, għalkemm japplikaw f'kull każ, ma jikkomportawx fihom l-identita` bħala rekwiżit għas-siwi tal-azzjoni (kollettiva);

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan ifisser li jekk, għal xi raġuni, xi wieħed mill-atturi tonqos fih il-kwalita` ta' parti interessata waqt il-proċeduri jew jitlef l-interess, din ċ-ċirkostanza tolqot lilu biss u mhux ukoll is-siwi tal-azzjoni mibdija minnu ma' oħrajn. Hekk illi, fl-aħħar mill-aħħar, it-tneħħija ta' dak l-attur mill-atti fuq nuqqas ta' interesss tirriduċi ruħha għal kwestjoni marġinali ta' qsim ta' spejjeż fil-konfront tal-atturi l-oħrajn u l-parti mħarrka, iżda mhux li xxejjen l-azzjoni, li tibqa' tiswa fir-rigward tal-atturi l-oħrajn;

Illi f'din il-kawża l-attur, flimkien ma' numru ta' atturi oħrajn, ressaq l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju b'talba, fost l-oħrajn, biex il-Qorti ssib ma jiswiex (u għalhekk tordna t-tħassir tiegħu) l-Avviż maħruġ mill-Awtorita` mħarrka wara għoti ta' *tender* wara sejħa pubblika għall-offerta lill-kumpannija msejħa fil-kawża, magħdud l-użu esklussiv ta' żoni fil-Port il-Kbir u fil-Port ta' Marsamxett;

Illi l-attur jisħaq li l-interess tiegħu fil-kawża jinstab fil-fatt li huwa għandu liċenzja biex jopera dgħajsa kummerċjali, liema liċenzja ġiet sospiża, kif ukoll li l-Awtorita` mħarrka kienet tagħrfu bħala operatur ta' *water taxi*[31];

---

[27] Ara App. Ċiv. **27.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Bond vs Mangion et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.385**). Ara wkoll App. Ċiv. **14.9.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Millard vs Said et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.299**)
[28] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)
[29] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[30] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[31] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 159 tal-proċess

Illi min-naħa l-oħra, l-Awtorita` mħarrka u l-kumpannija msejħa fil-kawża jisħqu illi dan ma jiswa xejn ġaladarba mill-provi ħareġ li hu ma kienx is-sid tad-dgħajsa liċenzjata biex twettaq negozju bħal dak, iżda biss lavrant mal-persuna li lilha kien jgħajjat iċ-ċertifikat (CVC) tal-opra tal-baħar li l-attur kien jinqeda biha. L-istess Awtorita` u kumpannija msejħa fil-kawża jsemmu wkoll li l-attur ma kienx imexxi n-negozju f'ismu, ma kienx juża reġistrazzjoni tiegħu dwar it-Taxxa dwar il-Valur Miżjud u ma ressaq ebda prova tal-qliegħ li kien jagħmel minn dan in-negozju[32]. In-negozju kien jgħajjat lil Geranzio Azzopardi;

Illi f'dan il-qafas fattwali u ġuridiku, il-Qorti ssib li tabilħaqq jonqos fl-attur l-interess dirett u attwali li huwa meħtieġ biex isostni din il-kawża, u l-għan prattiku tal-kawża, minn kif inhu mfassal ir-Rikors Maħluf, ma joħroġx. Minn dak li xehed l-attur innifsu, ħareġ li huwa ma kien qatt operatur tas-servizz, billi u la l-opra tal-baħar u lanqas in-negozju ma kienu fuq ismu. Geranzio Azzopardi ma kien qatt parti f'din il-kawża u minkejja li l-avviż tas-sospensjoni taċ-ċertifikat intbagħat lilu wkoll, ma ntweriex li b'xi mod ikkontesta s-sospensjoni;

Illi biex tkompli tgħaqqad, l-atturi l-oħrajn kollha (persuni fiżiċi jew kumpanniji) li fetħu din il-kawża mal-attur, ċedew l-atti tal-kawża sewwasew għaliex dehrilhom li ma kellhomx aktar interess fiha. L-attur Micallef waħdu baqa' jikkumbatti l-Avviż, imma dan baqa' jagħmlu meta ma kellux interess ġuridiku li jagħmel dan. L-argumenti mressqa minnu dwar il-liċenzja biex isuq opra tal-baħar u jista' jħaddimha bħala *water taxi* ma jreġux. Il-Qorti qieset ukoll li l-attur kiseb il-liċenzja (biex isuq opra tal-baħar) wara li ħarġet u ngħalqet is-sejħa għall-offerti. Huwa ma jistax jgħid li ma kienx jaf bil-limitazzjonijiet imposti mill-Awtorita` mħarrka għaliex l-offerta kienet waħda pubblika, inkluż l-użu esklussiv li kien ser jingħata lill-operatur konkorrent magħżul;

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex issib bħala mistħoqqa l-eċċezzjoni ulterjuri mqanqla mill-kumpannija msejħa fil-kawża f'dan ir-rigward, u għaldaqstant din l-eċċeżzjoni sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, mhuwiex il-każ li tistħarreġ ukoll l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn u wisq anqas il-mertu tal-każ, għaliex l-attur ma jista' jikseb xejn minn dan kollu;

[32] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Imħarrek fil-kawża f'paġġ. 198 – 9 tal-proċess u tal-kumpannija msejħa fil-kawża f'paġġ. 182 – 3 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri** mressqa mill-kumpannija msejħa fil-kawża Marsamxetto Steamferry Services Limited u ssib li jonqos fl-attur l-interess ġuridiku meħtieġ biex iressaq u jkompli jmexxi 'l quddiem din il-kawża;

**Tastjeni** milli tqis it-talbiet attriċi; u

**Tordna** li l-attur iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef**
**Imħallef**

**24 ta' Mejju, 2018**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**24 ta' Mejju, 2018**